# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru III**
**Illum il-Gimgha, 12 ta' Jannar, 2001**

**Appell Nru 73/00**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Philip Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Philip Caruana talli (**1**) bejn is-17 u t-18 t'April 1997, f'Santa Venera, kkommetta serq ta' vettura tal-ghamla 'Citroen AX', numru ta' registrazzjoni S-7515, a detriment ta' Raymond Xerri, liema serq hu kwalifikat bil-valur li jeceddi l-elf lira (Lm1000), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 263, 267, 270, 271, 278, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali; (**2**) f'Marzu 1998 u fiz-zmien ta' qabel xjentement f'Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe' vettura tal-ghamla 'Citroen AX', numru ta' registrazzjoni S-7515, ta' valur li jeccedi l-elf lira (Lm1000), a detriment ta' Raymond Xerri, ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali; (**3**) fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe' vettura tal-ghamlra 'Citroen AX', bin-numru ta' registrazzjoni S-7515, a detriment ta' Raymond Xerri, liema ammont tal-hsara huwa ta' izjed minn hamisn lira (Lm50) izda anqas minn hames mitt Lira (lm500), ai termini tal-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9; (**4**) fl-istess zmien u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal set ta' number plates foloz (DAA-959) fuq l-imsemmija vettura u cioe' fuq il-vettura tal-ghamla 'Citroen AX', (numru ta' registrazzjoni S-7515), ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali; (**5**) fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi hassar u biddel ic-chassis number tal-vettura tal-ghamla 'Citroen AX', (numru ta' registrazzjoni S-7515), u minfloku wahhal ic-chassis number ta' vettura ohra tal-ghamla 'Citroen AX' (numru ta' registrazzjoni DAA-959), ai termini tal-Arikoli 189

tal-Kodici Kriminali; (**6**) fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza set ta' number plates foloz (DAA-959), fuq vettura ohra tal-ghamla 'Citroen AX', (numru ta' registrazzjoni S-7515), ai termini tal-Artikoli 189 tal-Kodici Kriminali, tar-Regolamenti 17 u 31 tar-Regolamenti ta' l-1994 Dwar il-Vetturi Bil-Mutur (A.L. 128/1994) u tal-Artikoli 15(1)(b) u 18 tal-Kap.65; (**7**) fl-istess zmien u cirkostanzi, minghajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija, ghamel, ordna jew gieghel l-eghmil ta' xi tibdil fic-'chassis' tal-vetturi tal-ghamla 'Citroen AX', liema vetturi ghandhom in-numru ta' registrazzjoni S-7515 u DAA-959, u dan ai termini tar-Regolamenti 17 u 91 tar-Regolamenti ta' l-1994 Dwar il-Vetturi Bil-Mutur (A.L. 128/1994) u tal-Artikolu 18 tal-Kap. 65; u (**8**) talli fl-istess zmien u cirkustanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiku foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex inqanqal tama jew biza' ta' xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn elf lira (Lm1000) a dannu ta' ruth Camilleri u persuni ohra ai termini tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali tat-23 ta' Ottubru, 1998 (fol. 122 tal-attijiet tal-kumpilazzjoni);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Marzu, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Paul Philip Caruana mhux hati, u lliberatu minn kull htija u piena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fit-30 ta' Marzu, 2000, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

1. L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu redatt f'dawn it-termini: *"Illi fit-28 ta' Marzu, 2000, l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament manifestament zbaljat tal-provi prodotti, partikolarment dwar l-imputazzjonijiet taht il-Kapitolu 65, b'mod li ma setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Ghalhekk l-esponent qieghed jintavola dan l-appell ai termini tal-artikolu 413(1A) tal-Kodici Kriminali, u tal-artikolu 26 tal-Kapitolu 65"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Minn dana l-paragrafu jirrisulta car illi dak li qed jallega l-Avukat Generali hu mhux li l-ewwel qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi, jigifieri li interpretat jew applikat hazin il-ligi (cirkostanza li taghti dritt ta' appell lill-Avukat Generali taht l-Artikolu 413(1)(b)(iv)(*i*) tal-Kap. 9), izda li interpretat hazin il-provi li ngabu quddiemha. Fi kliem iehor, l-appell ta' l-Avukat Generali hu appell dwar il-fatti u mhux appell dwar il-ligi. In fatti, biex isostini l-

appell tieghu, l-appellant invoka kemm l-Artikolu 413(1A) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikolu 26 tal-Kap. 65.

2. L-Artikolu 26 tal-Kap. 65 jaghti dritt ta' appell lill-Avukat Generali, kemm fuq punti ta' dritt kif ukoll fuq punti ta' fatt, minn decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati limitatament pero` ghal "procedimenti li jinqalghu mid-disposizzjonijiet" tal-imsemmi Kap. 65. Fi kliem iehor dana d-dritt ta' appell hu limitat ghar-reati li johorgu mill-Kap. 65. L-Artikolu 413(1A), imbghad, jaghti dritt ta' appell lill-Avukat Generali (li jista' jkun anke appell dwar il-fatti) fir-rigward ta' reati li "ikollhom x'jaqsmu" ma' reat li dwaru jkun hemm dritt ta' appell taht il-paragrafu (b) tas-subartikoli (1) tal-Artikolu 413 <u>jew taht xi ligi ohra</u>. Fil-kaz in dizamina hu evidenti li, peress li l-Avukat Generali ma ghandux dritt ta' appell <u>fuq punti ta' fatt</u> ghar-rigward tar-reati li johorgu mill-Kodici Kriminali, huwa qieghed jinvoka id-dritt ta' appell taht l-Artikolu 26 imsemmi u l-konnessjoni tar-reati skond is-subartikolu (1A) tal-imsemmi Artikolu 413.

3. Skond in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju a fol. 122 ta' l-atti, ir-reati – li johorgu mill-Kodici Kriminali – li taghhom l-Avukat Generali kien qed jakkuza lill-appellat Caruana huma dawk ta' serq ikkwalifikat, ricettazzjoni, hsara volontarja fi hwejjeg haddiehor, ir-reat ta' dikjarazzjoni falza jew taghrif falz lil awtorita` pubblika (Art. 188), u r-reat ta' falsifikazzjoni jew uzu ta' dokumenti foloz skond l-Artikolu 189. Fl-istess nota l-Avukat Generali jindika wkoll l-Artikolu 18 tal-Kap. 65 u r-regolamenti 17, 19[1] u 31 tal-*Motor Vehicles Regulations, 1994*. Issa, mid-diversi subartikoli tal-imsemmi Artikolu 18, dak li hu relevanti ghall-kaz in dizamina huwa biss is-subartikolu (1) li jistabilixxi il-pieni ghall-ksur tad-diversi disposizzjonijiet tar-regolamenti maghmulin taht il-Kap. 65 (fosthom l-*M.V.R., 1994*). Minn dan l-imsemmi subartikolu (1) jirrisulta li minn jikser id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 17, 19 u 31 ikun suggett ghall-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet, b'mod ghalhekk li r-reati kontemplati f'dawn it-tlett regolamenti ghandhom jitqiesu li <u>huma kontravvenzjonijiet</u> u mhux delitti. Dan ifisser ukoll li l-azzjoni fir-rigward ta' dawn ir-reati tigi preskritta bit-trapass ta' tlett xhur (Art. 688(f) tal-Kap. 9).

4. Issa, mill-kumpless tal-provi jirrisulta li l-vettura in kwistjoni nxtrat minn Ruth Camilleri f'Lulju tal-1997 (ara kemm id-deposizzjoni ta' din Camilleri a fol. 23, kif ukoll tar-rappresentant tad-Dipartiment tal-Licenzji, Brian Farrugia, a fol. 56), u li minn dik id-data il-vettura kienet fil-pussess taghha. Dan ifisser li kwalsiasi reat, allegatament kommess mill-appellat, bi ksur tal-imsemmija regolamenti 17, 19 u 31 gie kommess qabel id-data li fiha l-vettura ghaddiet f'idejn l-imsemmija Camilleri. Minn Lulju ta' l-1997 sad-data meta l-appellat tressaq il-Qorti (13 ta' Mejju, 1998) ghaddew aktar minn tlett xhur.

---

[1] Mhux ir-regolament 91, kif originarjament indikat fl-imputazzjoni numru sebgha migjuba mill-Pulizija.

5. Ghalhekk, l-azzjoni fir-rigward tar-reati (ta' natura kontravvenzjonali) indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu kienet preskritta ga fit-13 ta' Mejju, 1998. Tali preskrizzjoni hi sollevabbli mill-Qorti *ex officio*. Fil-fehma tal-Qorti l-Avukat Generali ma jistax jinvoka, ghall-fini tas-subartikolu (1A) tal-Artikolu 413 tal-Kodici Kriminali u tal-konnessjoni bejn ir-reati kif imfissra f'dak is-subartikolu, reat jew reati li l-azzjoni fir-rigward tieghu jew taghhom tkun effettivament preskritta, u dan ghar-raguni li ma jistax jinghad li hemm dritt ta' appell da parti ta' l-Avukat Generali (taht il-Kodici Kriminali jew taht xi ligi ohra) fir-rigward ta' reat li jirrisulta li jkun preskritt.

6. Isegwi ghalhekk li f'dana l-kaz, l-Avukat Generali lanqas ma ghandu dritt ta' appell (fuq punti ta' fatt) fir-rigward tar-reati l-ohra (serq, ricettazzjoni, hsara volontarja, ecc.) li johorgu mill-Kodici Kriminali. Konsegwentement ir-rikors ta' appell odjern huwa irritu u null. Tali irritwalita` u nullita` hi ukoll sollevabbli minn din il-Qorti *ex officio*.

7. Ghall-motivi premessi, tiddkjara l-appell interpost mill-Avukat Generali irritu u null, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur